**Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**
16 Il-Mall, Floriana FRN 1472. Numru tat-Telefown: 27790060

# Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2013-2014 Regolamenti tal-Każijiet Umanitarji Gravi

*Dawn ir-Regolamenti huma parti mir-Regolamenti tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta*

## Kriterji tad-Dħul

**1. Applikanti li Jingħataw Post:**

**a.** Tfal mid-Djar tal-Knisja.

**b.** Aħwa fl-istess skola jew fi skola immexxija mill-istess Kongregazzjoni. Aħwa li jkunu joqogħdu fl-istess dar u familja, li jkollhom ħuthom jattendu Skola tal-Knisja matul is-sena skolastika 2012-2013. L-aħwa jistgħu jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom jew jekk huwa l-każ, fi skola mmexxija mill-istess kongregazzjoni ta' reliġjużi.

Il-Kriterju tal-Aħwa jista' japplika wkoll jekk ikun hemm postijiet vakanti fi Snin oħra.

Jekk skola tiegħu bniet biss ma tistax tapplika għal tifel skont il-Kriterju tal-Aħwa u viċeversa, iżda tista' tapplika skont il-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Para. 3).

**ċ.** Tfal ta' impjegati ma' skola tal-Knisja f'dik l-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur jew fi skola tal-istess kongregazzjoni meta l-iskola hija fuq l-istess sit jew meta m'hemmx dħul f'livelli superjuri u sakemm it-tfal huma tal-istess sess bħal dak tal-livell superjuri. Il-ġenitur irid ikun ilu mpjegat mal-iskola għall-anqas sena minn mindu tibda s-sena skolasika li jmiss.
Jekk skola tieħu bniet biss ma tistax tapplika għal tifel skont il-Kriterju tal-Impjegati u viċeversa. Iżda tista' tapplika skont il-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Para. 3).
Għal aktar informazzjoni dwar dan il-kriterju ara r-Regolamenti tad-Dħul ta' kull Sena.

**d.** Tfal li qed jattendu skola tal-Knisja u jixtiequ jkunu trasferiti għal skola tal-Knisja oħra tal-istess Kongregazzjoni jekk ikun possibli. Għad-dettalji ara r-Regolamenti Ġenerali ta' kull livell u Para. 5 kollu**.**

**e.** Tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità, mit-tieni sena kindergarten għall-ewwel sena primarja jew mis-sitt sena primarja għall-ewwel sena sekondarja. Għad-dettalji ara ir-Regolamenti Ġenerali ta' kull livell**.**

**1.1** Dawn il-kriterji qegħdin f'ġerarkija, l-ewwel jiġu aċċettati t-tfal minn djar tal-Knisja, imbagħad l-aħwa, wara t-tfal tal-impjegati, dawk li qed jitolbu *transfer* u fl-aħħar tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità.

**1.2** Dawk li japplikaw skont wieħed minn dawn il-Kriterji 1 a-e ikunu aċċettati sakemm in-numru ta' dawn l-applikazzjonijiet ma jkunx iżjed mill-postijiet vakanti fl-iskola/ skejjel rilevanti.

**2.** Numru limitat ta' tfal meqjusa bħala **Każijiet Umanitarji Gravi:**

**2.1** L-iskejjel lesti li jilqgħu tfal li huma *statemented* u li għandhom bżonn għajnuna ta' L.S.A. jew simili, jew li jistgħu jitqiesu bħala Każijiet Umanitarji Gravi u li għalihom jistgħu jipprovdu programm ta' edukazzjoni individwalizzat (IEP).
**Kull min għandu l-għajnuna ta' L.S.A. jew simili, jew beda jew se jibda l-proċess għand l-*istatementing moderating panel* jew għand ic-C.D.A.U, jew għandu jew se jkollu xi ċertifikat mingħand xi psikologu edukattiv jew simili, li jista' iwassal għal għajnuna ta' L.S.A. jew simili, għandu japplika bħala Każ Umanitarju Gravi.**
Dawk li ma japplikawx skont il-Kriterju ta' **Każijiet Umanitarji Gravi** jkunu qed jiddikjaraw li t-tifel/ tifla m'għandux/ m'għandhiex bżonn l-għajnuna ta' L.S.A. jew simili (Para. 6għ). **Għaldaqstant dawk li jinkitbu fi skola tal-Knisja u jinstab li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.A. jew simili jitilfu d-dritt tal-post fl-iskola.**

**2.2** Ma jaqgħux taħt din il-kategorija ta' każijiet umanitarji gravi dawk li bħala kawża jagħtu biss dawn ir-raġunijiet: tfal minn ommijiet mhux miżżewġa; fejn jidħlu separazzjonijiet; tfal adottati; tfal li qegħdin f'*foster families*.

**3.** **Applikanti Oħra:** dawn jintgħażlu bil-polza.

**4.** It-twelid ta' min japplika irid ikun għad-dħul:
fl-ewwel sena sekondarja fis-sena 2002;
fir-raba' sena primarja fis-sena 2005;
fl-ewwel sena primarja fis-sena 2008;
fit-tieni sena kindergarten fis-sena 2009;
fl-ewwel sena kindergarten fis-sena 2010.

**4.1** Il-Bord jista' jilqa' talbiet ta' tfal li għal xi raġuni jkunu rripetew sena.
F'dan il-każ il-ġenituri għandhom jiktbu fl-indirizz li jidher f'Para. 20.

**5.** L-iskejjel li se jaċċettaw tfal bħala Każijiet Umanitarji Gravi:

**5.1** **fl-ewwel sena Kindergarten subien u bniet huma:**
St. Angela: Cospicua, Msida, Rabat, Żabbar.
St. Francis: San Ġwann, S. Pawl il-Baħar, Siġġiewi**.**
Theresa Nuzzo: Ħamrun, Żejtun.

**5.2** **fit-tieni sena Kindergarten huma:**
**Subien:** St. Aloysius (Stella Maris, Ħal Balzan).
**Bniet:** St. Dorothy: Sliema, Ħaż-Żebbuġ; St. Joseph: Blata l-Bajda, Paola, Sliema;
St. Monica: Gżira, Mosta; Holy Family, St. Jeanne Antide Birżebbuġa.
**Subien u bniet:** St. Angela: Rabat, Żabbar.

**5.3** **fl-ewwel sena primarja huma:**
**Subien:** De La Salle, St. Albert the Great, St. Benild (Stella Maris College), St. Paul's Missionary College, Is-Seminarju.
**Bniet:** Convent of the Sacred Heart, Our Lady Immaculate Hamrun, St. Dorothy Sliema, St. Joseph Sliema, St. Jeanne Antide Gudja, St. Monica B'Kara, Gżira, Mosta.

**5.4** **fir-raba' sena primarja huma:**
**Subien:** St. Paul's Missionary College, Is-Seminarju**.**

**5.5** **fl-ewwel sena sekondarja huma:**
**Subien:** St. Albert the Great, St. Augustine, St. Dominic Savio, St. Elias, St. Michael, St. Paul's Missionary College, Is-Seminarju.
**Bniet:** St. Monica Gżira, Our Lady Immaculate Hamrun.

**5.6** St. Augustine, St. Paul's Missionary College, is-Seminarju, St. Monica B'Kara, Gżira u Mosta, u Convent of the Sacred Heart jaċċettaw biss applikanti li jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija fil-Knisja Kattolika jew ċertifikat ta' aċċettazzjoni fil-Knisja Kattolika.

**6.** **Dokumenti meħtieġa mill-applikanti:**

**a.** Il-Kattoliċi jippreżentaw Ċertifikat tal-Magħmudija (oriġinali, u mhux fotokopja).
**b.** Ċertifikat tat-Twelid (tal-Insinwa) tat-tifel/ tifla (oriġinali, u mhux fotokopja).
**ċ.** Trid tiġi ppreżentata l-Karta tal-Identità ta' missier jew omm it-tifel/ tifla. M'hemmx bżonn ta' fotokopja.
**d.** Ritratt tat-tifel/ tifla (daqs ta' passaport).
**e.** Jekk il-ġenituri huma separati jeħtieġ id-dokument reċenti li jindika l-kustodja tat-tifel/ tifla.
**f.** Jekk qed tapplika skont il-Kriterju ta' Tfal minn Djar tal-Knisja:
Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mid-Direttur tad-Dar tal-Knisja. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir dakinhar tal-applikazzjoni.
**ġ.** Jekk qed tapplika skont il-Kriterju tal-Aħwa:
   i. Ċertifikat tat-twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tal-aħwa l-oħra (oriġinali);
   ii. Fotokopja tal-Karta tal-Identità taż-żewġ ġenituri; u
   iii. Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mill-kap tal-iskola fejn jattendu l-aħwa l-oħra. Din id-dikjarazzjoni tinġabar mill-iskola mit-Tnejn 19, it-Tlieta 20 u l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2012 mid-9:00 ta' filgħodu sa nofsinhar.
**g.** Jekk qed tapplika skont il-Kriterji tal-Impjegati, ta' *transfers* jew ta' Skola bla Kontinwità: Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mill-kap tal-iskola. Din id-dikjarazzjoni tinġabar mill-iskola mit-Tnejn 19, it-Tlieta 20 u l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2012 mid-9:00 ta' filgħodu sa nofsinhar.

**għ.** Spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet umanitarji gravi, iċ-ċertifikati rilevanti, inkluż dak tal-*istatementing moderating panel* u l-IEP.
Min ikun għadu ma ġiex *statemented* jingħata sat-2 ta' Settembru 2013 sabiex jippreżenta li *statement* ta' bżonnijiet.

**7.** Il-ħlas għall-applikazzjoni hu ta' €10; dan qed jintalab biex ikopri spejjeż klerikali, postali, ta' karti eċċ.

**8.** Applikazzjonijiet għal Każijiet Umanitarji Gravi jsiru **biss b'appuntament** fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16 Il-Mall Floriana billi l-ġenituri jċemplu n-numru tat-telefown 2779 0077 fil-ġranet indikati f'para. 12 u 15.

**8.1** Fuq il-formola tal-applikazzjoni l-ġenituri jindikaw preferenza ta' tliet skejjel. Il-preferenza ta' tliet skejjel tintuża biss jekk u meta l-applikant ikun se jinkiteb fi skola. Dawk li japplikaw skont il-kriterju tal-Aħwa, tal-Impjegati jew ta' trasferiment ma jindikawx il-preferenza ta' tliet skejjel imma jekk ikun il-każ, jinkitbu fl-iskola pertinenti.

**9.** Kummissjoni mwaqqfa apposta, li tinkludi rappreżentant tal-persuni b'diżabilità rakkomandat mill-Kummissjoni Pastorali Persuni b'Diżabilità tal-Kurja tal-Arċisqof, tqis it-talbiet għal Każijiet Umanitarji Gravi. Din il-kummissjoni BISS tiddeċiedi jekk applikazzjoni għandhiex tintlaqa' jew le.

**10.** Fejn hu possibbli, skont ix-xewqa tal-ġenituri, tfal bi ħtiġijiet partikulari jintbagħtu mill-Kummissjoni f'dik l-iskola li tista' tgħin f'dawk il-ħtiġijiet.

**11.** Il-Kummissjoni tagħti tweġiba bil-miktub lil dawk li jkunu kkunsidrati bħala każijiet umanitarji gravi sa nhar is-Sibt, 13 ta' April 2013.

**Każijiet Umanitarji Gravi: Applikazzjonijiet skont il-Kriterji 1, a – e**

**12.** Tfal li huma minn Djar tal-Knisja, Aħwa, tal-Impjegati, dawk li jixtiequ jittrasferixxu għal skola oħra tal-istess kongregazzjoni, u minn Skejjel tal-Knisja bla Kontinwità (Para. 1a-e) li jixtiequ japplikaw skont il-Kriterju ta' Każijiet Umanitarji Gravi jagħmlu dan billi l-ġenituri jċemplu n-numru tat-telefown 2779 0077 għal apuntament mit-Tnejn 19 sal-Erbgħa 21 ta' Novembru 2012 bejn id-8:30 ta' filgħodu u s-2:00 ta' wara nofsinhar.

**12.1** Dakinhar tal-appuntament iġibu magħhom id-dokumenti msemmija f'Para. 6. L-appuntamenti jsiru mit-Tnejn 26 sal-Erbgħa 28 ta' Novembru 2012 bejn it-8:30 ta' filgħodu u s-2:00 ta' wara nofsinhar.

**13.** Dawk li t-talba tagħhom ma tiġix ikkunsidrata bħala każ umanitarju gravi jiġu infurmati bil-miktub sal-Ġimgħa, 18 ta' Jannar 2013. Huma jingħataw iċ-ċans li japplikaw skont il-kriterji l-oħra. Mat-tweġiba, il-Kummissjoni tibgħatilhom formola li għandha timtela u trid tasal lis-Segretarju tal-Bord (Para. 20) sal-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2013.

**14.** Jekk in-numru ta' applikanti skont il-kriterji 1 a-e, meqjusa mill-Kummissjoni bħala każijiet umanitarji gravi, jkun akbar min-numru ta' postijiet vakanti (Para. 2) l-ewwel jiġu aċċettati it-tfal minn djar tal-Knisja, wara l-aħwa, wara tfal tal-impjegati, tfal li se jiġu trasferiti, u wara tfal ta' skola bla kontinwità.

**14.1** In-numru tal-applikazzjoni ta' min jinkiteb fi skola tal-Knisja u l-iskola li jkun inkiteb fiha jkunu ppubblikat fuq www.maltadiocese.org

**Każijiet Umanitarji Gravi: Applikazzjonijiet skont il-Kriterju 3: Applikanti Oħra**

**15.** Il-Kummissjoni tilqa' talbiet minn **Applikanti Oħra** (Para. 3) **JEKK** ikun baqa' postijiet battala għal tfal ikkunsidrati bħala Każijiet Umanitarji Gravi. Min għandu interess li jkun jaf hux ser jintlaqgħu talbiet oħra għandu iċempel 2779 0077 jew jara fuq l-websajt tal-Kurja, www.maltadiocese.org bejn l-Erbgħa 23 u l-Ġimgħa 25 ta' Jannar.

**15.1** Jekk jintlaqgħu aktar applikazzjonijiet, **min se japplika għandu** jċempel 2779 0077 għal **appuntament** fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16 Il-Mall Floriana bejn it-Tnejn 28 u l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013 bejn it-8:30 u s-2:00 ta' wara nofsinhar.

**15.2** **JEKK** jintlaqgħu talbiet oħra, l-appuntamenti għalihom isiru mit-Tnejn 4 sal-Ħamis 7 ta' Frar 2013.

**15.3** L-applikazzjonijiet isiru bħalma hemm imfisser f'Para. 6, 7 u 8.

**15.4** L-applikanti jiġu mqassma f'wieħed minn dawn il-gruppi: applikanti b'LSA Full-time, applikanti b'LSA shared u każijiet soċjali fil-livelli kollha.

**16.** Dawk li t-talba tagħhom ma tiġix ikkunsidrata bħala każ umanitarju gravi jiġu infurmati bil-miktub sal-Ġimgħa, 8 ta' Marzu 2013. Huma jingħataw iċ-ċans li japplikaw skont il-kriterji l-oħra. Mat-tweġiba, il-Kummissjoni tibgħatilhom formola li għandha timtela' u trid tasal lis-Segretarju tal-Bord (Para. 20) sal-Ġimgħa, 15 ta' Marzu 2013.

**17.** Jekk in-numru ta' **Applikanti Oħra** meqjusa mill-Kummissjoni bħala każijiet umanitarji gravi jkun akbar min-numru ta' postijiet vakanti (Para. 2) tittella' l-polza bejniethom, polza għal kull grupp. Dawn l-applikanti jitqiegħdu wara xulxin skont kif jitilgħu bil-polza, u l-proċess ikompli sakemm jitilgħu dawn l-applikanti kollha.

Il-polża tittella' nhar is-Sibt 23 ta' Marżu fis-Seminarju r-Rabat skond din l-ordni:

| | | | |
|---|---|---|---|
| fid-9:00 | tal-Ewwel sena Kindergarten | fid-9:30 | tat-Tieni sena Kindergarten |
| fl-10:00 | tal-Ewwel sena Primarja | fl-10:30 | tar-Raba' sena Primarja |
| fil-11:00 | tal-Ewwel sena Sekondarja | | |

Dawn il-ħinijiet huma approssimattivi u l-polża tittella' waħda wara l-oħra.
Ir-riżultat tal-polza jiġi kkomunikat fuq www.maltadiocese.org. Jiġu ppubblikati n-numru tal-applikazzjoni u n-numru li jkun tela'/ telgħet fih it-tifel jew it-tifla.

**Tagħrif ieħor**

**18.** Kull min japplika biex jinkiteb fl-ewwel sena ta' skola sekondarja għandu jagħmel l-eżami nazzjonali ta' tmiem l-edukazzjoni primarja, sakemm mhux eżentat mill-Awtoritajiet Edukattivi. Kull min jinkiteb fi skola tal-Knisja għandu jagħti kopja tar-riżultat tal-eżamijiet ta' tmiem is-sitt sena primarja lill-iskola li jkun inkiteb fiha hekk kif jirċevihom, u jagħti permess lill-Awtoritajiet Edukattivi jgħaddu din l-informazzjoni lill-iskola li jkun inkiteb fiha. Jekk ma jagħmilx dan jitneħħa minn fuq ir-reġistru tal-iskola.

**19.** Kull informazzjoni li int tagħti lill-Bord tad-Dħul dwarek u dwar it-tifel/ tifla tiegħek u li skont l-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi. Aktar dettall dwar il-Protezzjoni tad-Data jista' jinkiseb mill-websajt: www.maltadiocese.org

**20.** Tista' tikkomunika mal-Bord f'dan l-indirizz: Segretarju, Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Il-Mall, Floriana FRN 1472, jew marisa.ellul@maltadiocese.org

**21.** Kull min ma jirċeviex xi tweġiba mwegħda f'dawn ir-Regolamenti, għandu jikkuntattja l-Bord mill-aktar fis possibli u sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data rilevanti.

**22.** Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.maltadiocese.org . Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal u dawk involuti. Min jixtieq jagħmel xi allegazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti għandu jagħmel dan skont il-Proċeduri msemmija. L-allegazzjonijiet għandhom ikunu ndirizzati lid–Delegat tal-Konferenza Episkopali għall-Edukazzjoni Nisranija, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16 il-Mall, Floriana, FRN 1472, numru tat-telefown 27790060, imejl: charles.mallia@maltadiocese.org .

**23.** **Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Umanitarji Gravi hija finali.**